# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2001**

**Numru : 33**
**Citaz. Numru : 647/01/RCP**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Francis Chetcuti u martu Wilhelmina Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef disa' mija u ghaxar liri (LM3910) rappresentanti import ta' 17 il-kambjala ta' LM230 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 1999 sa April 2001 u mhux imhallsa, hawn annessi

markati bin-numri minn 1 sa 17 konsekuttivament u inklusivament.

Illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' LM3910 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenuti ma ghandhomx l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rappresentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok. A.

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

(1) ma ghandix dina l-Qorti taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici U.C.I.M. Co. Ltd bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u (2) hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM3910 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax legali u mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sat-12 ta' April 2001 jammontaw ghal LM250, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta'

Settembru 2000 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa ghas-subbizzjoni.

Rat l-affidavit ta' Alfred Formosa ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta, fic-citazzjoni b'dan illi:

(2) tikkundanna minnufih lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, disa' mija u ghaxar liri Maltin (LM3910) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax legali u mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sat-12 ta' April 2001 jammontaw ghal LM250, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u

bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru 2000 kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**10 ta' Mejju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**10 ta' Mejju, 2001**